MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2008

Numru. 571/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Paul Magro**

Illum 29 ta’ Gunju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Magro ta’ 34 sena iben Paul u Emanuela nee’ Magro mwieled il-Pieta` fis-7 ta’ Ottubru, 1973, residenti f’ nru. 50A, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 492273M.

Akkuzat talli fis-26 ta’ Gunju, 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’

risoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe`;

Fil-Mellieha nhar is-26 ta’ Gunju, 2008 ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond ‘Maritim Hotel & Spa’ sitwat fi Triq Borg Olivier, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz u li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra;

Kif ukoll talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Peter Rieks kontra l-volonta` tieghu;

U aktar talli fil-Qawra, San Pawl il-Bahar nhar il-5 ta’ Ottubru, 2007 ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ madwar €140.00 (Lm60.00) fi flus kontanti mill-fond ‘Qawra Palace Hotel’ sitwat fi Triq il-Qawra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra;

U aktar talli fil-Mellieha fil-perjodu ta’ bejn Novembru, 2007 u Jannar, 2008, f’ xi hin matul il-jum, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond ‘Pergola Club Hotel’ sitwat fi Triq Adenau, liema serq huwa kkawlifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €233 (mitt lira Maltija) izda anqas minn €2330 (elf lira Maltija) u bil-mezz u li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra;

Rat l-artikoli 18, 86, 261(a)(b)(c), 262, 263 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt is-seduta mizmuma minn din bhala Qorti Istruttorja fid-29 ta’ Gunju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati odjerni, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu problema b'l-abbuz tad-droga u li huwa wera xewqa li ghamel dak kollu necessarju biex jeleb din il-problema.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 18, 86, 261(a)(b)(c), 262, 263 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' sentejn liema perjodu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta' erbgha (4) snin.

In oltre il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' erba' (4) snin, bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz li jibda u jkompli sa tmienu program ta' riabilitazzjoni mill-vizju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28G jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficcjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Paul Magro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------